**Ilmaħtek**

Ilmaħtek ħierġa u tlebbet
Mgħaġġla u kwazi mifxula,
Kont dehert li kellek wisq x'tagħmel
U x-xogħol irrendik maqfula.

Imma fl-għaġla kbira tiegħek
Dehret mill-ewwel qalb kbira,
Li taf tgħid biss l-Iwa tagħha
U qatt u qatt ma tirtira.

F'għajnejk dehret ħafna ħrara
Li biha tant tgħin lil għajrek,
Għalhekk fik hemm ħafna tama
Li tgħib fil-wisa' mingħajrek.

Imbagħad kliemek mimli mħabba
Għaliex int tik taħseb f'kulħadd,
Minkejja l'għandek it-toqol
Qalbek ħelwa ma tinsa' 'l ħadd.

Tlaħħaq ma ħajjet familtek
B'dak is-skiet hekk safi w kajman,
Lesta tidħol għal kull sfida
bi spirtu qalbieni w uman.

Din hi s-sbuħija li tibqa'
B'hekk int iġġib ħafna fejqan,
Kulfejn tmur tħalli tant paċi
Int il-magħżula tas-Setgħan.

Kapitlu ġdid għad jinkiteb
B'ħajtek siekta u ħawtiela,
Titla' ħajtek f'talba ħienja
Lejn is-sema, qatt midbiela.

Jekk ilmaħtek liebsa l-iswed
Imma int ħajja ta' vera,
Jalla min jaqra dal-versi
Jitgħallem minnek, nispera.

Patri Mario Attard OFM Cap
27 ta' Diċembru 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.